# Tribunal Industrijali

# Decizjoni Numru: 2934

Kaz Nru: 4025/21/AM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Bonavia (KI 33166M)

u

Casa Francesco Ltd (C71051)

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip.Tax (MIT)**

It-Tribunal,

**Preliminari**
Dan il-kaz gie riferut lil dan ic-Chairperson fl-14 t'Ottubru 2022 wara li c-Chairman iddikjara li huwa mhux ser jaccetta kawzi simili peress li huwa mhux avukat.

**Provi**
Ra r-rikors tar-rikorrent li permezz tieghu qed jitlob dikjarazzjoni li l-agir tas-socjeta' ntimata jmur kontra d-disposizzjonijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta nkluzivament imma mhux esklussivament l-Artikolu 75 b'dan li t-tkeccija tal-esponenti hija wahda ngusta u jordna konsegwentement dawk il-mizuri kollha mehtiega li taghti l-ligi nkluz li jiffissa somma pagabbli lill-istess esponenti, in linea ta' kumpens minhabba l-agir illecitu tas-socjeta' ntimata, u dan rigwardanti t-tkeccija ngusta tal-esponenti.

Illi r-rikorrent fir-rikors tieghu jippremetti li huwa kien ilu mpjegat mas-socjeta' ntimata mis-27 t'April 2017 bhala Care Worker fuq bazi full-time gewwa Casa Francesco Residential Home 561-563 Triq San Guzepp Santa Venera bis-salarju baziku ta' Ewro 5.75 fis-siegha, biz-zidiet tal-gholi tal-hajja fuq l-imsemmija rata; li huwa kwalifikat sew f'xogholu u fuq il-lant tax-xoghol huwa dedikat u dejjem wettaq l-obbligi tieghu favur min ihaddmu bl-aktar mod diligenti u bl-ahjar hila tieghu; li dejjem kellu relazzjoni tajba mas-socjeta' ntimata; li b'effet mit-18 t'Awissu 2021 is-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tieghu u dan allegatament minhabba

ragunijiet ta' dixxiplina; li ma kien hemm l-ebda ragunijiet ta' dixxiplina u lanqas ragunijiet ohra sabiex dan l-impjieg jigi terminat; li ghalhekk is-socjeta' ntimata agixxiet b'mod irregolari ghaldaqstant dan huwa kaz ta' tkeccija ngusta ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta; li huwa pprova jasal b'mod amikevoli sabiex jirrimedja din is-sitwazzjoni sabiex ukoll jevita l-proceduri odjerni izda s-socjeta' ntimata baqghet inadempjenti.

Illi mill-atti jirrizulta a fol 12 et li r-rikorrent ghadda quddiem Bord ta' Dixxiplina dwar l-ilment ta' Claudia Popescu li fl-4 t'Awissu 2021 u f'okkazzjonijiet ohra qabel ir-rikorrent kien ta fastidju sesswali. Fis-6 t'Awissu 2021 il-kumpanija harget charge kontra r-rikorrent fuq fastidju sesswali. Ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Errol Cutajar l-istess avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri.

Il-Bord sab li r-rikorrent a bazi tal-artikolu 29(2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta kien ta fastidju sesswali lil Claudia Popescu u ordna li x-xoghol tieghu jigi terminat. Skond dan ir-rapport ir-rikorrent dejjem ikkontenda li r-rapport li sar minn Popescu kontra tieghu huwa bhala reazzjoni ghall-argument zghir li kellu ma' Popescu meta hija allegat li huwa cempel qraba ta' residenti fil-home meta l-protokol jghid li huwa l-Manager biss jista' jcempel lil tali qraba u riedet tara l-mobile tieghu biex ticcekkja dan wara li huwa cahad li kien cempel lil dawn il-qraba; u li meta ra hekk huwa mar jaghmel rapport kontra taghha u dan gara gurnata qabel ma Popescu rrapurtatu fuq sexual harassment.

Li r-rikorrent jammetti li kien jiccajta ma' kullhadd u li kien jghidilha 'sabiha' u li Popescu meta tispicca mix-xoghol u tbiddel l-uniformi tilbes hwejjeg provokattivi. Popescu min-naha l-ohra xehdet quddiem dan il-Bord li huwa kien 'ran his fingers down her back and she screamed that he should never touch her – Don't touch me'.

Acaso xehed li sema' lir-rikorrent jghidilha sexy u li kien jizfen b'mod provokattiv quddiemha u kien joqghod isafrilha.

Serje ta' sexual harassment minn impjegata ohra liema allegazzjoni hija ben fondata; li r-rapport li sar mil-Bord ta' Dixxiplina juri l-mod xokkanti u inacettabbli li r-rikorrent kien qed igib ruhu fuq il-post tax-xoghol.

A fol 39 et xehed Maurice Gruppetta Direttur fis-socjeta' ntimata li hija home ghall-anzjani. Il-Manager ta' din id-dar hija Simona Barariu u kien hija li qaltilhom li Claudia Popescu ghamlet ilment kontra r-rikorrent li kien dwar sexual harassment. Ghamlu bord ta' nkjesta huwa u l-avukat Simon Micallef Stafrace u semghu liz-zewg partijiet u kien hemm prezenti wkoll Alec Acaso bhala xhud u kienu kkonkludew li l-kaz kien serju bizzejjed biex jitressaq quddiem bord ta' dixxiplina. Sar il-Bord ta' Dixxiplina li rrakkomandaw li r-rikorrent ghandu jitkecca.

A fol 103 et Maurice Gruppetta fuq talba tar-rikorrent xehed li huwa ma sab ebda rapport li r-rikorrent qed jghid li ghamel f'Awissu 2021. Huwa jammetti li Joan Fenech tahdem maghhom bhala Receptionist.

A fol 124 et Gruppetta xehed li huwa ccekja dwar ir-rapport li xehed u ghamel ir-rikorrent u bejn l-1 u l-4 t'Awissu 2021 u ma sab ebda rapporti tal-impjegati. Huwa talab kopja tal-handover book u u li l-incident reports kollha jigu ffajljati separati u spjega li f'dan il-kaz l-ewwel sar investigation report sabiex jaraw il-kaz jimmeritax proceduri quddiem id-disciplinary board u wara sar id-disciplinary board. Mistoqsi dakinhar f'Awissu min kien xoghol fir-reception huwa wiegeb li ma jiftakarx ghax ma jkunx hemmhekk.

A fol 55 et xehdet Claudia Emanuela Popescu Ursu li qalet li ilha tahdem mas-socjeta' ntimaa minn Marzu 2021 u ghadha tahdem hemm. Xogholha huwa ta' nurse in charge u Bonavia huwa carer. Hija tirrakonta kif Bonavia kien l-ewwel beda billi jghaddilha kumplimenti, sakemm dawn zdiedu ghal kliem sexy, sabiha u body language meta jghaddi dawn il-kumplimenti. Kien jghaddi dirty jokes u hija kienet tipprova tevitah. Mhux l-ewwel darba li keccietu l-barra min-Nursing Station meta kien jaqbez il-linja. Huwa kien joqghod quddiem in-nursing station jizfen u jaghmel l-istorbju. Hija kienet twissih li hemmhekk mhux Paceville u wissietu biex jieqaf. Dan kien jigri quddiem kullhadd anke quddiem ir-residenti u l-qraba taghhom. Popescu tghid li fit-3 t'Awissu kien hemm incident il-home meta r-rikorrent cempel qarib ta' residenti meta mhux suppost jaghmel dan u qajjem paniku shih ghax il-qraba hasbu li min kien jigi minnhom gralu xi stroke. Hija bdiet tinvestiga min seta' kien li cempel u rrizultalha li kien hu ghax il-qarib qalilha li kien ragel li cemplilha u dak il-hin huwa biss kien hemm ragel xoghol. Bonavia dejjem cahad li kien hu u ghajjarha giddieba u hija ghamlet rapport. L-ghada huwa gab residenti n-nursing station u kien hemm Alec Acaso prezenti u waqt li kienet qed tipprepara l-medicini ghal dan ir-residenti hasset lir-rikorrent jmissilha darha u wissietu biex ma jmisshiex. Huwa qallha li kien qed jiccajta. Kien joqghod isaffar li skond hi kienet tisfira li wiehed juza biex jghabbi prostituta u kienet twissieh biex jieqaf u kien ukoll jitkellem hazin. Fl-4 t'Awissu hija ghamlet  rapport kontra r-rikorrent liema rapport hija esebiet f'dawn il-proceduri.

In kontro-ezami hija ccarat li ma riditux imissha lanqas meta ma kienux xoghol u tichad li kienu jiccajtaw hija u kollegi ohra fil-prezenza ta' Bonavia u jghidu cajt b'konnotazzjoni sesswali. Mistoqsija jekk qabel kienx hemm okkazjonijiet ta' cajt bejnha u bejn Bonavia hija wiegbet li trid ticcekkja u meta regghet giet mistoqsija l-istess domanda hija wiegbet 'I take my time before I answer' u wara wiegbet li hija ma kienetx ticcajta mieghu. Hija kkonfermat li kien joqghod isafrilha 'with his trousers negligent' quddiem kulhadd. Mistoqsija hija tkunx liebsa l-earphones meta hija qed tghid li kien isafrilha hija wiegbet li xi drabi tilbes earphone f'widna wahda. Hija tghid li Bonavia kien jaghmel nofs siegha quddiem in-Nursing Station isaffar.

A fol 61 overleaf xehed Alec Acaso li huwa mpjegat bhala nurse mas-socjeta' ntimata u li ilu jahdem hemm minn Mejju 2021. Huwa jaf lir-rikorrent fuq il-post tax-xoghol u li meta kien ikun in-Nursing Station jaghmel xi xoghol ta' karti jiftakar okkazjoni minnhom f'Awissu tas-sena l-ohra jara lir-rikorrent jmiss lil Claudia u lil Claudia tghidlu biex ma jmisshiex. Huwa kkonferma li huwa joqghod isafrilha u hija twiddbu biex jieqaf jaghmel dan. In kontro-ezami huwa xehed li huwa ma jiccajtax fuq il-post tax-xoghol meta mitlub jikkonferma li l-istaff qabel ix-xoghol fil-break u wara x-xoghol joqghod jiccajta ma' xulxin.

A fol 79 et xehed ir-rikorrent John Bonavia li spjega xogholu ta' Health Care Worker x'inhu u l-esperjenza li ghandu. Huwa jghid li Claudia kienet tintefa' fuq gewwa ghaliha wahedha l-bicca l-kbira. Huwa jghid li nclidenti maghha qatt ma kellu u f'Awissu gara li huwa kien jghidilhom good morning how nice hija kienet toghrok iz-zejziet  tghidlu qed tarani catta. Huwa jghid li qatt ma kkummenta fuq hekk u kienet tghidlu ma nafx x'qed tarali sabiha. Huwa xehed li huwa qatt ma missha, qatt ma kellimha, qatt ma qabadha fuq is-sess maghha u kull ma kien jghidilha huwa l-kelma sabiha u daqshekk. Sabiha kien jghid lil kulhadd mhux lilha biss.

Gara li kien hemm pazjenta li beda jehlilha lsienha u qallha biex iccempel ghall-ambulanza u Claudia talbet l-ghanuna tieghu u dahlu huwa u Carmen Saccasan. Meta huwa qal lil Claudia biex iccempel l-ambulanza qaltlu dak narah jien u r-residenti tatha puplesija u baqghet sakemm mietet. Huwa jammetti li cempel lil tal-familja ta' din ir-residenta minn wara dahra biex imorru jarawha qabel ma tmut; tal-familja cemplu lil Claudia u huwa cahad li kien hu. U rieditu jaghtiha l-mobile tieghu biex ticcekkja izda huwa ma hallihiex u telqet tirrabja u tgerger u qatlu li ser tpattihielu u tibqa' sakemm ikeccuh. Huwa tela' fuq u ghamel rapport fir-reception u fir-rapport qal lir-Reception li huwa qallha biex iccempel lil tal-famlja u hija ma riditx u li hija talbitu l-mobile u ma tahuliex u li hija wehlet fih li cempel u huwa cahad dan maghha. L-ghada kienu xoghol it-tnejn u la hi u lanqas hu ma kellmu lil xulxin u jumejn wara l-accountant qaltlu li s-Sur Maurice ried ikellmu. U s-Sur Maurice qallu li kien hemm rapport dwaru minn Claudia u li fuq dan ir-rapport kienu ser ikeccuh zgur. Cahad li huwa kien isafrilha u spjegalu kif gara l-incident tal-mobile phone. Huwa ma kienx jaf jghid li qed jidher quddiem bord meta kien qed jghid dan lis-Sur Maurice. Meta ra hekk qallu li huwa kellu jigi avzat li kellu dritt ikollu avukat u ghalhekk ftehmu li jergghu jiltaqghu. Il-paga huwa baqa' jirceviha sakemm inqatghet id-decizjoni tal-Bord. Huwa jghid li quddiem il-bord huwa kkontesta l-akkuza u cahad li qatt missha. Huwa jghid li meta gara l-incident tar-residenti li tatha stroke kien hemm Acaso l-Filippin li tela' jixhed u Carmen Saccasan.

A fol 129 overleaf kompla jixhed ir-rikorrent in kontro-ezami u mistoqsi ghaliex ma semmiex dan l-incident dwar ir-residenti meta tela' quddiem il-bord wiehed wiegeb li kien qal b'dan lil Maurice Gruppetta u lill-Bord u s-Sur Maurice li huwa ma kienx

tiela' ghall-bord. Huwa cahad li qatt ghajjar lil xi hadd. Ir-rikorrent jghid li huwa baqa' jahdem hemm ghal gimgha wara l-incident u li kieku ghamel abbuz kienu jkeccuh mall-ewwel.

A fol 99 et xehdet Carmen Saccasan li kienet ilha tahdem mas-socjeta' ntimata ghal sitt snin u waqfet tahdem xi sena u tlett xhur ilu. Kienet tahdem bhala Care Worker. Hija spjegat l-incident li gara meta residenti bdiet taqleb ghajnejha u Bonavia ried li jsejjhu ambulanza u Claudia qaltlu biex ma jindahalx. Wara ftit dahlet fil-kcina ssaqsi min cempel lit-tifla tar-residenti u riedet bilfors tara t-telephone ta' Bonavia li cahad li kien hu li cempel. Wara Bonavia qallha li kien hu li cempel. Hija saret taf li Bonavia tkecca ghax qalulha l-kollegi tax-xoghol ghax Claudia qalet li ttantaha. Hija tghid li qatt ma rat lir-rikorrent jittanta lil hadd la lilha u lanqas kollegi ohra.

A fol 114 et xehdet Joan Fenech li f'Awissu 2021 kienet tahdem bhala Receptionist. Hija tiftakar li r-rikorrent kien mar hdejha jirrakonta xi haga izda huma jkunu busy il-hin kollu u meta mistoqsija kitbitx xi rapport hija tghid li ma tiftakarx u li l-ktieb huma jghadduh lill-management. Hija tikkonferma li dan il-ktieb huwa handover book u li f'dan il-ktieb jiehdu complaints minghand l-impjegati meta jkunu zghar u meta jkunu complaints huma jnizzluhom fl-incident report.

Ir-rikorrent xehed fl-istess seduta li huwa kellem lil Joan Fenech u ghamlitlu rapport; kitbitulu hi bl-ingliz u li dan gara fil-bidu t'Awissu.

A fol 125 overleaf xehdet Miriam Borg Degiorgio li damet impjegata ma' Casa Francesco sal-bidu tas-sena 2022 u kienet impjegata bhala Receptionist. Hija kkonfermat li r-rikorrent tafu u li darba kien kellimha fuq il-kwistjoni ta' Claudia u kien qallha li kien hemm anzjana li kien qed itiha stroke u Claudia ma riedetx tibghat ghat-tabib u ccempel lir-relatives taghha biex tghidilhom. Hija ma kienetx xoghol dakinhar li qallha hekk. Hija pero' tiftakar li r-rapport kienet haditu Joan Fenech ghax meta dahlet xoghol u hadet il-handover minghand Joan Fenech hija kienet qrat ir-rapport li ghamel ir-rikorrent. Hija taf li r-rikorrent ipprova jghin lil Claudia li talbet ghal xi hadd li jaf jitkellem bil-Malti ghax ma kienetx taf bil-Malti. Ir-rapporti taqrahom il-Manager Ms Simona. Hija taf li Claudia ratu r-rapport irrabjat u telqet l'hemm. Hija spjegat li kienu jzommu registru tal-ilmenti tal-haddiema u iehor tal-ilmenti tal-qraba tar-residenti.

In kontro ezami meta murija Dok MG1 prezentat mir-rikorrent hija kkonfermat li l-kitba hija taghha izda li dak mhux mil-ktieb tar-rapporti. Hija kkonfermat l-incident report li sar minn Claudia fil-kamra tan-nurses izda mhux mar-receptionist. Ir-rapport li mliet Claudia a fol 43 huwa incident form. Il-ktieb tar-rapporti li jsiru fir-reception dwar il-haddiema kien blu jew iswed. Hija kkonfermat li r-rikorrent talabha tigi tixhed fuq ir-rapport li kien ghamel.

A fol 130 overleaf xehed l-Avukat Simon Micallef Stafrace li huwa kien parti mil-bord ta' dixxiplina nterna dwar Bonavia u jispjega li kienu qalulu jridx avukat u huwa qallhom li ma jridx u l-bord iddecieda li l-kaz warrants further investigation u qabdu Bord separat minn tnejn min-nies indipendenti. Li Bonavia kien ghamel rapport kontra Claudia qatt ma ssemmiet. Huwa kkonferma r-rapport a fol 49 u li mir-rapport tal-Bord a fol 22 jirrizulta li r-rikorrent kien assistit minn avukat.

A fol 131 il-partijiet iddikjaraw il-provi maghluqa, trattaw il-kaz u qablu li l-kaz jista' jibqa' ghad-decizjoni.

Fit-trattazzjoni s-socjeta' ntimata spjegat ir-responsabilita' taghha bhala employer li ma jhallix li jsir fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol u rreferiet ghal kazijiet dwar l-istess li gew decizi minn dan it-Tribunal. Hija semmiet l-incidenti kawzati mir-rikorrent li taw lok ghal fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol u li kien ghalhekk li tkecca r-rikorrent u kif il-proceduri li wetqet is-socjeta' u li waslet ghal din it-tkeccija kienet kollha skond il-ligi u li r-rikorrent kellu wkoll l-assistenza ta' avukat quddiem il-Bord ta' dixxiplina. Hija semmiet dak li ghamel ir-rikorrent lil Claudia Popescu li waslu ghal fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol.

Ir-rkorrent fit-trattazzjoni jikkontendi li r-rapport li ghamlet kontra tieghu Claudia kien kollu ghaliex fit-3 t'Awissu kien irrapurtaha li ma riedetx issejjah tabib meta tatha puplesija residenti fil-home u li kien ghalhekk li huwa cempel lil qraba tal-istess residenti. Claudia ghamlet rapport kontra tieghu dwar fastidju sesswali u ghamlitu l-ghada tal-incident. U li dan l-incident tar-residenti ma tqajjimx quddiem il-bord. Huwa jikkontendi r-raguni li wassal ghat-tkeccija tieghu kien ir-rapport li ghamel ir-rikorrent kontra Claudia Popescu li hija bi tpattija rrapurtatu fuq sexual harassment li allegatament gara fil-gurnata ta' qabel.

It-Tribunal ra d-dokumenti kollha esebiti.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ir-rikorrent jikkontendi li huwa kien vittma talli ghamel rapport kontra Claudia Popescu li da parti taghha meta rat hekk hija rrapurtatu dwar diversi ncidenti fuq il-post tax-xoghol li jwasslu ghal fastidju sesswali.

Dan it-Tribunal ikun propens jaccetta l-htiega ta' course of conduct meta ghandek vittimizzazzjoni, imma dan l-element mhux rikjest meta ghandek ilment ta' fastidju sesswali. Di fatti, d-dispozizzjoni tal-ligi relevanti li hija Artikolu 29 tal-Kap 452 li tghid:

29. (1) L-ebda princpal jew impjegat … (omissis) (2) L-ebda principal jew impjegat ma jista' jaghti fastidju sesswalment lil impjegat iehor jew lill-principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f'dan l-artikolu imsejha "l-vittma") billi –

(a) jassoggetta l-vittma ghal att ta' intimità fizika; jew

(b) jitlob favuri sesswali mill-vittma; jew

(c) jassoggetta l-vittma ghal xi att jew kondotta li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluzi kliem bil-fomm, gesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal iehor, fejn - (i) l-att, it-talba jew il-kondotta mhumiex mixtieqa mil-vittma u jistghu ragonevolment jitqiesu bhala offensivi, umiljanti u intimidatorji lejn il-vittma.

Regolament 12A ta' l-Avviz Legali 461 ta' l-2004 (LS 452.95) jghid li l-principal ghandu l-obbligu li jiehu mizuri effettivi sabiex jimpedixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, partikolarment il-fastidju u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol. F'dan il-kaz il-kumpanija ntimata tghid li l-mizura li hadet kienet li harget Sexual Harassment Policy li kkomunikatha lill-management. Il-vittma…(omissis)" Il-ligi titkellem fuq "att" jew "talba", li huma fis-singular.

Att ta' darba huwa fih innifsu ksur ta' din il-ligi, u m'hemmx bzonn ta' pluralita`.

It-2007 framework agreement on harassment and violence at work signed by the European social partners describes violence and harassment at work as:

"unacceptable behaviour by one or more individuals [that] can take many different forms, some of which may be more easily identified than others … harassment occurs when one or more worker or manager are repeatedly and deliberately abused, threatened and/or humiliated in circumstances relating to work. Violence occurs when one or more worker or manager is assaulted in circumstances relating to work. Harassment and violence may be carried out by one or more managers or workers, with the purpose or effect of violating a manager's or worker's dignity, affecting [their] health and/or creating a hostile work environment."

Filwaqt li d-Direttiva tal-Unjoni Ewropeja Directive 2002/73/EC, harassment is defined as a situation 'where an unwanted conduct related to the sex of a person occurs with the purpose or effect of violating the dignity of a person, and of creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating or offensive environment'. Sexual harassment is said to take place where any form of 'unwanted verbal, non-verbal or physical conduct of a sexual nature occurs, with the purpose or effect of violating the dignity of a person, in particular when creating an intimidating, hostile, degrading, humiliating or offensive environment'.

L-istess Direttiva tghid li fastidju kemm forma ta' diskriminazzjoni kif ukoll forma ta' molestja huwa llegali. Ezempji ta' dan insibu:

**Verbal examples** of sexual harassment may include: making sexual comments about a person's body, making sexual comments or innuendos, asking about sexual fantasies, preferences or history, asking personal questions about someone's social or sex life, making sexual comments about a person's clothing, anatomy, or looks, repeatedly trying to date a person who is not interested, telling lies or spreading rumours about a person's sex life or sexual preferences.

**Examples of non-verbal harassment** include: looking a person up and down ('elevator eyes'), following or stalking someone, using sexually suggestive visuals, making sexual gestures with the hands or through body movements, using facial expressions such as winking, throwing kisses, or licking lips.

**Instances of physical harassment** include: giving someone a massage around the neck or shoulders, touching another person's clothing, hair, or body, hugging, kissing, patting, touching or rubbing oneself sexually against another person.

The key concept in understanding harassment is that **any overtures are unwelcome**. A person may welcome and accept a sexist remark or a comment about their body, but this is likely to depend on the particular situation and circumstances. However, it is important to remember that even if someone accepts – or welcomes – the behaviour, it may still be degrading and humiliating. In addition, **such acceptance may not be fully voluntary: it may be a result of often invisible pressure from the outside world**.

Illi meta pero' wiehed jikkonsidra l-Kodici ta' Pratika mahruga mill-Kummissjoni Nazzjonali dwar il-Promozzjoni tal-ugwaljanza bejn irgiel u nisa – Sexual Harassment – A code of Practice, l-istess kodici jitratta dwar li dak li mhux meqjus bhala fastidju sesswali u para 1.1. jghid specifikatament hekk:

*What does not Constitute Sexual Harassment? Sexual harassment is not sexual interaction, flirtation, attraction or friendship which is invited, mutual, consensual or reciprocated. This due to the fact that for sexual harassment to arise, the sexual conduct in question must be unwelcome.*

Mill-provi jirrizultaw li kien hemm diversi drabi fejn ir-rikorrent ta kunfidenzi lil Claudia Popescu u hija ma ddejqitx minnhom tant li Popescu ma riditx

tirrapurtahom. Anzi anke jasal li jsib nuqqas kbir da parti ta' Popescu li ma ghamlitx rapport qabel aktar dwar incident simili li hija tghid kien hemm ukoll qabel da parti tar-rikorrent u dan aktar u aktar meta tali rapporti ma kienux ser iwasslu ghall-biza' ta' vittimzzazzjoni tenut kont li l-kariga taghha hija ferm superjuri ghal dik tar-rikorrent.

L-uniku agir tar-rikorrent li dan it-Tribunal jikkonsidra bhala li huwa fastidju sesswali huwa l-agir tar-rikorrent kif kolloborat ukoll minn kollega li xehed quddiem dan it-Tribunal li sa Awissu tas-sena l-ohra cioe' fl-istess zmien tal-kwistjoni li nqalghet bejn ir-rikorrent u Popescu li ra lir-rikorrent imiss b'subajh dahar l-istess Popescu fejn Popescu qaltlu biex ma jmissiehx tant li quddiem il-Bord hija xehdet "ran his fingers down her back and she screamed that he should never touch her – Don 't touch me" u anke fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal hija rrakkuntat dan l-incident ta' Awissu tas-sena l-ohra izda meta mistoqsija in kontro-ezami jekk kienx hemm okkazzjonijiet ta' cajt bejniethom hija bdiet tlaqlaq biex tirrispondi din id-domanda tant li l-ewwel wiegbet irrid niccekja u meta regghet giet mistoqsija l-istess domanda wiegbet "I take my time before I answer" u kien wara li wiegbet li hija ma kienetx ticcajta mieghu.

Dan it-Tribunal ghalhekk jasal biex jemmen lir-rikorrent li r-rapport Popescu ghamlitu kontrih bhala ritaljazzjoni ghal dak li gara fil-kaz tar-residenti izda dan ma jnaqqas xejn u ma jiggustifikax lir-rikorrent mill-komportament tieghu lejn Popescu fuq il-post tax-xoghol. Ghamlet sew is-socjeta' ntimata li meta sarilha r-rapport hadet passi mall-ewwel u dana ghaliex tali kunfidenzi fuq il-post tax-xoghol ma jistghu qatt ikunu gustifikati. Dan it-Tribunal josserva li l-imsemmi Artikolu 29 jissanzjona nuqqas sia jekk ikun gej mill-principal u sia jekk ikun gej minn impjegat, u fi kwalunkwe kaz Artikolu 30 jghid li l-passi ghandhom jittiehdu kontra l-principal. U r-Regolament 12A ta' l-Avviz Legali 461 ta' l-2004 (LS 452.95) jghid li l-principal ghandu l-obbligu li jiehu mizuri effettivi sabiex jimpedixxi kull forma ta' diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess, partikolarment u l-fastidju sesswali fuq il-post tax-xoghol.

Mill-provi mressqa jirrizulta li l-agir tar-rikorrent jammonta ghall-fastidju ghall-okkazzjoni wahda biss cioe' f'Awissu tas-sena li ghaddiet u li ghalhekk is-socjeta' ntimata ghamlet sew meta hadet il-passi mehtiega.

Jonqos li jigi stabbilit jekk tali agir kienx jimmerita tkeccija. Il-kuntratt tax-xoghol tar-rikorrenti a fol 75 et jghid artikolu 2 li s-socjeta' ntimata tista' tittermina l-impjieg tieghu meta jkollha 'good and just cause'.

B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

1. L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

   (2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza mmedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

   (3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

   (4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi kommunikata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva. (Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited.

   Premessi dawn il-principji, u mill-provi prodotti, jirrizulta lir-rikorrent ta fastidju sesswali lill-kwerelanti. Huwa li l-artikolu 29 tal-Kap 452 att wiehed li mhux mixtieq mill-kwerelanti huwa bizzejjed biex iwassal ghall-fastidju sesswali; izda huwa minnu wkoll li r-rikorrent ma jirrizultax li qatt kellu rapporti kontra tieghu fuq il-post tax-xoghol jew li nghata qabel warnings jew downgrading jew sospensjoni ghal xi jiem tax-xoghol.

   Li ghalhekk fic-cirkostanzi dan it-Tribunal iqis li t-tkeccija bhala punizzjoni lir-rikorrent kienet iebsa wisq anke tenut kont li l-kwerelanta qatt qabel ma kien idejjaqha dan ic-cajt u kif ukoll li l-kumpanija qatt ma ghamlet sexual harassment policy lill-impjegati taghha.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parte t-talbiet tar-rikorrent u jiddikjara li t-tkeccija tar-rikorrent kienet wahda ngusta izda fic-cirkostanzi, anke tenut kont li r-rikorrent mall-ewwel tista' tghid li sab xoghol, jiddeciedi li ebda somma ma hija pagabbli lir-rikorrent in linea ta' kumpens.

Dan it-Tribunal jirrakkomanda lill-kumpanija sabiex tohrog Sexual Harassment Policy li ghandha tigi kkomunikata lill-haddiema kollha tal-istess kumpanija.

Spejjez kullhadd ihallas l-konsulent legali tieghu.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Illum 15 ta' Settembru, 2023

(Iffirmat)
**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**